# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Novembru 2014 —**

**Airport Handling vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-688/14 R)**

"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajnuna mill-Istat — Obbligu li tiġi rkuprata għajnuna mogħtija mill-operatur pubbliku ta' ajruport favur kumpannija sussidjarja inkarigata minn servizzi ta' ġestjoni — Tqegħid fi stralċ tal-imsemmija kumpannija — Kostituzzjoni ta' kumpannija ġdida inkarigata minn servizzi ta' ġestjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat bil-għan li teżamina l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika bejn iż-żewġ kumpanniji — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Inammissibbiltà manifesta tar-rikors prinċipali — Inammissibbiltà — Nuqqas ta' urġenza"

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Ammissibbiltà prima facie tar-rikors prinċipali — Eżami sommarju tar-rikors prinċipali mill-Imħallef għal miżuri provviżorji — Att li ma jistax ikun suġġett għal rikors għal annullament — Inammissibbiltà (Artikolu 278 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(1)) (ara l-punti 21-23)*

2. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Atti intiżi li joħolqu effetti ġuridiċi — Kunċett — Kundizzjonijiet (Artikolu 263 TFUE) (ara l-punt 25)*

3. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali ta' miżura statali li qed tiġi implementata suġġetta għall-klassifikazzjoni provviżorja bħala għajnuna ġdida — Inklużjoni (Artikoli 107(1) TFUE, 108(3) TFUE u 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikoli 6 u 7) (ara l-punti 26-28, 30, 31, 48)*

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali ta' miżura statali — Natura provviżorja tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni — Effetti immedjati, ċerti u sufficjentement vinkolanti għall-Istat Membru destinatarju u dubju raġonevoli dwar il-legalità tal-miżura inkwistjoni (Artikolu 108(2) TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 6) (ara l-punti 30, 31)*

5. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kompetenzi u ġurisdizzjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Qrati nazzjonali — Rwol tal-qrati nazzjonali — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali ta' għajnuna — Obbligu tal-qrati nazzjonali li jisiltu l-konsegwenzi kollha ta' ksur eventwali tal-obbligu li jiġu sospiżi l-miżuri eżaminati — Dritt li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-miżura inkwistjoni, li jkun hemm obbligu ta' rkupru tal-ammonti diġà mħallsa u li jingħataw miżuri provviżorji (Artikolu 108(2) u (3) TFUE) (ara l-punt 32)*

6. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' invesitgazzjoni formali ta' miżura statai li ma hijiex qed tiġi implementata iżjed — Esklużjoni (Artikolu 107(1) TFUE, 108 (2) u (3) TFUE u 263 TFUE) (ara l-punti 33-38, 42, 47)*

7. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Dannu finanzjarju — Seħħ tad-dannu li jiddependi minn avvenimenti futuri u inċerti — Nuqqas ta' dannu ċert (Artikolu 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punt 53)*

8. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Dannu gravi u irreparabbli — Oneru tal-prova — Dannu finanzjarju — Sitwazzjoni li tista' tbiddel b'mod irrimedjabbli l-pożizzjoni tal-kumpannija rikorrenti fis-suq (Artikolu 278 TFUE u 279 TFUE) (ara l-punt 53, 54)*

9. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Dannu gravi u irreparabbli — Dannu li twettaq diġà — Kumpens li ma jidħolx fl-għan tal-proċeduri għal miżuri provviżorji (Artikolu 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punt 58)*

10. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva — Ordni ta' eżami u metodu ta' verifika — Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji (Artikolu 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punt 63)*

**Suġġett**

Talba għal miżuri provviżorji intiża, essenzjalment, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 4537 finali, tad-9 ta' Lulju 2014, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, taħt l-Artikolu 108(2) TFUE, fir-rigward tal-kostituzzjoni tal-kumpannija Airport Handling [SA.21420 (2014/NN) — l-Italja — Kostituzzjoni ta' Airport Handling].

**Dispożittiv**

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) Id-digriet tad-29 ta' Settembru 2014 mogħti fil-Kawża T-688/14 R huwa rtirat.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.